# KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

## Sommarju tal-Opinjoni tal-KEPD dwar il-manipulazzjoni onlajn u d-data personali

*(It-test sħiħ ta' din l-Opinjoni jista' jinstab bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż fuq is-sit web tal-KEPD www.edps.europa.eu)*

(2018/C 233/06)

Id-diġitalizzazzjoni tas-soċjetà u l-ekonomija qed ikollha impatt imħallat fuq l-involviment ċiviku fit-teħid tad-deċiżjonijiet u fuq l-ostakli għall-involviment tal-pubbliku fil-proċessi demokratiċi.

Sistemi kbar ta' analiżi tad-data u ta' intelliġenza artifiċjali ppermettew il-ġbir, il-kombinazzjoni, l-analiżi u l-ħżin b'mod indefinit ta' volumi kbar ħafna ta' data. Matul dawn l-aħħar żewġ deċennji, ħareġ mudell ta' negozju dominanti għall-biċċa l-kbira tas-servizzi bbażati fuq il-web li jiddependi fuq l-intraċċar tan-nies onlajn u l-ġbir tad-data dwar il-karattru, is-saħħa, ir-relazzjonijiet u l-ħsibijiet u l-opinjonijiet tagħhom bil-ħsieb li jiġi ġġenerat dħul mir-reklamar diġitali. Dawn is-swieq diġitali saru kkonċentrati madwar ftit kumpaniji li jaġixxu bħala kustodji effettivi għall-Internet u jimmaniġġjaw valuri ogħla ta' kapitalizzazzjoni tas-suq aġġustati skont l-inflazzjoni minn kwalunkwe kumpanija fl-istorja rreġistrata.

Din l-ekosistema diġitali għaqdet nies madwar id-dinja b'aktar minn 50 % tal-popolazzjoni fuq l-Internet, għalkemm b'mod mhux ugwali f'termini ta' ġeografija, ġid u sess. L-ottimiżmu inizjali dwar il-potenzjal tal-għodda tal-Internet u l-midja soċjali għall-involviment ċiviku wassal għat-tħassib li n-nies qed jiġu mmanipulati, l-ewwel nett permezz tal-ġbir kostanti ta' informazzjoni ta' spiss intima dwarhom, it-tieni permezz tal-kontroll fuq l-informazzjoni li jaraw onlajn skont il-kategorija li jitqiegħdu fihom. Stmerrija virali għal ħafna servizzi mmexxija mill-algoritmi hija fattur ewlieni tal-valur, bi prodotti u applikazzjonijiet li huma mfassla biex jimmassimizzaw l-attenzjoni u l-vizzju. Il-konnessjoni, tal-inqas taħt il-mudell attwali, wasslet għal qasma.

Id-dibattitu li rriżulta kien idur mal-informazzjoni qarrieqa, falza jew indiċenti ("kontenut") servuta lin-nies bl-intenzjoni li tinfluwenza d-diskors politiku u l-elezzjonijiet, fenomenu li ġie ttikkettat bħala "aħbarijiet foloz" jew "diżinformazzjoni onlajn". Is-soluzzjonijiet iffokaw fuq miżuri ta' trasparenza, li esponew is-sors ta' informazzjoni filwaqt li ttraskuraw l-akkontabilità tal-atturi fl-ekosistema li japprofittaw minn imġiba dannuża. Sadanittant, il-konċentrazzjoni tas-suq u ż-żieda fid-dominanza tal-pjattaforma jippreżentaw theddida ġdida għall-pluraliżmu tal-mezzi tal-komunikazzjoni. Għall-KEPD, din il-kriżi ta' fiduċja fl-ekosistema diġitali turi d-dipendenza reċiproka tal-privatezza u l-libertà tal-espressjoni. It-tnaqqis tal-ispazju intimu disponibbli għan-nies, bħala riżultat ta' sorveljanza inevitabbli minn kumpaniji u gvernijiet, għandu effett ta' tkexkix fuq il-kapaċità u r-rieda tan-nies li jesprimu lilhom infushom u jifformaw relazzjonijiet liberi, inkluż fl-isfera ċivika tant essenzjali għas-saħħa tad-demokrazija. Din l-Opinjoni hija għalhekk ikkonċernata bil-mod kif tintuża l-informazzjoni personali sabiex l-individwi u l-gruppi jiġu mmirati fuq livell mikro b'kontenut speċifiku, id-drittijiet u l-valuri fundamentali kkonċernati, u l-liġijiet rilevanti għall-mitigazzjoni tat-theddid.

Il-KEPD għal diversi snin argumenta għal kollaborazzjoni akbar bejn l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data u regolaturi oħra biex jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet u l-interessi tal-individwi fis-soċjetà diġitali, ir-raġuni għaliex fl-2017 nedejna d-Digital Clearinghouse. Minħabba t-tħassib li l-kampanji politiċi jistgħu qegħdin jisfruttaw l-ispazju diġitali sabiex jaharbu l-liġijiet eżistenti, [1] aħna nemmnu li issa huwa ż-żmien li din il-kollaborazzjoni tiġi estiża għar-regolaturi elettorali u awdjoviżivi.

### 1. GĦALIEX QED NIPPUBBLIKAW DIN L-OPINJONI

#### i. Dibattitu pubbliku intensiv li għadu għaddej

Bħalissa hemm dibattitu pubbliku intensiv dwar l-impatt tal-ekosistema vasta u kumplessa tal-lum ta' informazzjoni diġitali fuq mhux biss l-ekonomija tas-suq iżda wkoll fuq l-ekonomija politika, kif l-ambjent politiku jinteraġixxi mal-ekonomija. Il-pjattaformi l-kbar qegħdin fiċ-ċentru ta' din l-ekosistema, u jiksbu b'mod sproporzjonat mit-tkabbir fir-reklamar diġitali, u qed iżidu s-saħħa relattiva tagħhom hekk kif tevolvi. Id-data personali hija meħtieġa biex tissepara, timmira u tippersonalizza l-messaġġi mwassla lill-individwi, iżda l-biċċa l-kbira ta' min jirreklama mhuwiex konxju dwar kif jittieħdu deċiżjonijiet bħal dawn u l-biċċa l-kbira tal-individwi ma jafux kif qed jintużaw. Is-sistema tippremja kontenut sensazzjonali u virali u b'mod ġenerali ma tiddistingwix bejn min jirreklama, kemm jekk fuq bażi kummerċjali kif ukoll

[1] Ara per eżempju http://www.independent.co.uk/news/uk/politics/election-2017-facebook-ads-marginal-seats-tories-labour-outdated-election-spending-rules-a7733131.htm [aċċessata 18.3.2018].

politika. Rivelazzjonijiet dwar kif id-diżinformazzjoni intenzjonata ("aħbarijiet foloz") ġiet imxerrda permezz ta' din is-sistema wasslu għal biżgħat li l-integrità tad-demokraziji tista' tkun mhedda. Sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali - li s-suq tagħhom huwa wkoll ikkaratterizzat minn konċentrazzjoni - huma stess imħaddma minn data u se - jekk mhux ivverifikati - iżidu l-bogħod u n-nuqqas ta' akkontabilità tat-teħid tad-deċiżjonijiet f'dan l-ambjent.

ii. **Rilevanza tal-liġi dwar il-protezzjoni tad-data u kampanji politiċi**

Id-drittijiet fundamentali għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-data huma evidentement fattur kruċjali biex tiġi rrimedjata din is-sitwazzjoni, li jagħmel din il-kwistjoni prijorità strateġika għall-awtoritajiet indipendenti kollha tal-protezzjoni tad-data. Fir-*Riżoluzzjoni* tagħhom *tal-2005 dwar l-Użu ta' Data Personali għall-Komunikazzjoni Politika*, ir-regolaturi tal-protezzjoni tad-data artikolaw tħassib ewlieni fuq livell dinji dwar il-protezzjoni tad-data marbuta maż-żieda fl-ipproċessar tad-data personali minn atturi mhux kummerċjali. Hija rreferiet speċifikament għall-ipproċessar ta' '"data sensittiva relatata ma' konvinzjonijiet jew attivitajiet morali u politiċi reali jew preżunti, jew għal attivitajiet ta' votazzjoni" u "profili invażivi ta' diversi persuni li bħalissa huma kklassifikati - xi drabi b'mod mhux preċiż jew fuq bażi ta' kuntatt superfiċjali - bħala simpatizzanti, partitarji, aderenti jew partit" ([1]). Ir-Riżoluzzjoni internazzjonali sejħet biex ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-data rigward il-minimizzazzjoni tad-data, l-ipproċessar legali, il-kunsens, it-trasparenza, id-drittijiet tas-suġġetti tad-data, il-limitazzjoni tal-iskop u s-sigurtà tad-data jiġu infurzati b'mod aktar rigoruż. Issa jista' jkun il-waqt li din is-sejħa tiġi mġedda.

Id-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data u l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet elettroniċi japplika għall-ġbir tad-data, it-tfassil tal-profili u l-immirar fuq livell mikro, u jekk jiġi infurzat b'mod korrett jenħtieġ li jgħin biex titnaqqas il-ħsara minn attentati biex jiġu mmanipulati individwi u gruppi. Il-partiti politiċi li jipproċessaw id-data tal-votanti fl-UE jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR). Il-GDPR jiddefinixxi data personali li tiżvela opinjonijiet politiċi bħala kategorija speċjali ta' data. L-ipproċessar ta' din id-data ġeneralment huwa pprojbit sakemm ma tapplikax waħda mill-eżenzjonijiet elenkati. Fil-kuntest tal-kampanji politiċi, iż-żewġ eżenzjonijiet li ġejjin huma partikolarment rilevanti u jisthoqqilhom ċitazzjoni sħiħa:

"(d) l-ipproċessar isir fil-kors tal-attivitajiet leġittimi tiegħu b'garanziji xierqa minn fondazzjoni, għaqda jew xi korp ieħor mingħajr skop ta' qligħ b'għan politiku, filosofiku, reliġjuż jew trejdjunjonistiku u bil-kondizzjoni li l-ipproċessar ikun relatat biss mal-membri jew eks-membri tal-korp jew persuni li jkollhom kuntatt regolari miegħu b'rabta mal-għanijiet tiegħu, u li d-data personali ma tkunx żvelata barra mill-korp mingħajr il-kunsens tas-suġġett tad-data;

(e) l-ipproċessar huwa relatat mad-data personali li hija manifestament ippubblikata mis-suġġett tad-data; […].

(g) l-ipproċessar huwa meħtieġ għal raġunijiet ta' interess pubbliku sostanzjali, fuq il-bażi tad-dritt tal-Unjoni jew tal-Istat Membru li għandu jkun proporzjonat mal-għan mixtieq, jirrispetta l-essenza tad-dritt għall-protezzjoni tad-data u jipprovdi miżuri xierqa u speċifiċi biex jissalvagwardja d-drittijiet fundamentali u l-interessi tas-suġġett tad-data."

Il-Premessa 56 tiċċara l-punt 9(2)(g): "[f]ejn fil-kors ta' attivitajiet elettorali, it-tħaddim tas-sistema demokratika fi Stat Membru jeħtieġ li l-partiti politiċi jiġbru data personali dwar opinjonijiet politiċi tan-nies, l-ipproċessar ta' din id-data jista' jkun permess għal raġunijiet ta' interess pubbliku, bil-kondiżżjoni li jkunu stabbiliti salvagwardji xierqa".

Bosta awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data żviluppaw regoli jew linji gwida dwar l-ipproċessar tad-data għal skopijiet politiċi:

— F'Marzu 2014, l-Awtorità Taljana għall-Protezzjoni tad-Data adottat regoli dwar l-ipproċessar tad-data personali mill-partiti politiċi. Ir-regoli enfasizzaw il-projbizzjoni ġenerali li tintuża data personali li saret pubblika fuq l-Internet, bħal fuq netwerks soċjali jew forums, għall-finijiet ta' komunikazzjoni politika, jekk din id-data nġabret għal skopijiet oħra ([2]).

— F'Novembru 2016, il-Kummissjoni Nazzjonali Franċiża dwar il-Protezzjoni tad-Data (CNIL) ipprovdiet linji gwida addizzjonali għar-rakkomandazzjonijiet tagħha tal-2012 dwar il-komunikazzjoni politika, li jispeċifikaw ir-regoli għall-ipproċessar ta' data personali fuq netwerks soċjali. B'mod partikolari, is-CNIL enfasizzat li l-aggregazzjoni ta' data personali tal-votanti sabiex jitfasslu profili u jiġu mmirati fuq in-netwerks soċjali tista' tkun legali biss jekk tkun ibbażata fuq il-kunsens bħala raġuni għall-ipproċessar tad-data ([3]).

([1]) Ir-Riżoluzzjoni hija disponibbli hawn https://icdppc.org/wp-content/uploads/2015/02/Resolution-on-Use-of-Personal-Data-for-Polictical-Communication.pdf [aċċessata 18.3.2018].

([2]) http://www.garanteprivacy.it/web/guest/home/docweb/-/docweb-display/docweb/3013267 "Provvedimento in materia di trattamento di dati presso i partiti politici e di esonero dall'informativa per fini di propaganda elettorale" ippubblikat fil-Gazzetta Uffiċjali tal-Awtorità Taljana għall-Protezzjoni tad-Data numru 71 fis-26.3.2014 [dok. web n. 3013267].

([3]) https://www.cnil.fr/fr/communication-politique-quelles-sont-les-regles-pour-lutilisation-des-donnees-issues-des-reseaux "Communication politique: quelles sont les règles pour l'utilisation des données issues des réseaux sociaux?" ippubblikat mill-Commission Nationale de l'informatique et des libertés (Kummissjoni Nazzjonali Franċiża tal-Informatika u l-Libertà) 8.11.2016.

— F'April 2017, l-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Informazzjoni (ICO) tar-Renju Unit ħareġ *Gwida dwar il-kampanji politiċi* aġġornata, li inkludiet ukoll linji gwida dwar l-użu ta' analitika ta' data fil-kampanji politiċi. L-ICO spjega li meta organizzazzjoni politika tikkummissjona kumpanija terza biex twettaq analitika, dik il-kumpanija x'aktarx tkun proċessur tad-data, filwaqt li l-organizzazzjoni - tkun kontrollur. Għandhom jiġu kkunsidrati dispożizzjonijiet speċifiċi tal-liġi dwar il-protezzjoni tad-data li jirregolaw ir-relazzjoni bejn il-kontrollur u l-proċessur, sabiex l-ipproċessar ikun legali. ([1])

Il-linji gwida tal-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-data għandhom il-potenzjal li jipprovdu interpretazzjoni awtorevoli addizzjonali tal-protezzjoni tad-data u dispożizzjonijiet tal-liġi dwar il-privatezza, li huma responsabbli għad-differenzi fl-organizzazzjoni tas-sistemi politiċi nazzjonali ([2]).

### iii. **L-għan ta' din l-Opinjoni tal-KEPD**

Il-viżjoni tal-KEPD hija li tgħin lill-UE tmexxi bl-eżempju fid-djalogu globali dwar il-protezzjoni tad-data u l-privatezza fl-era diġitali billi tidentifika soluzzjonijiet ta' politika transdixxiplinari għall-isfidi tal-Big Data u tiżviluppa dimensjoni etika għall-ipproċessar tal-informazzjoni personali. ([3]) Sejjaħna biex is-suġġett tad-data jiġi ttrattat "bħala individwu mhux sempliċement bħala konsumatur jew utent" u enfasizzajna kwistjonijiet etiċi marbuta mal-effetti ta' tfassil ta' profili indikattivi u personalizzazzjoni ddeterminata mill-algoritmi. ([4]) Sejjaħna għal żvilupp responsabbli u sostenibbli tas-soċjetà diġitali bbażat fuq il-kontroll individwali tad-data personali li tikkonċernahom, l-inġinerija u l-akkontabilità konxja mill-privatezza u l-infurzar koerenti. ([5]) Il-Grupp Konsultattiv tal-Etika tal-KEPD fir-rapport tiegħu ta' Jannar 2018 innota li "l-immirar fuq livell mikro tal-ikkanvassjar elettorali jbiddel ir-regoli ta' diskors pubbliku, inaqqas l-ispazju għal dibattitu u l-iskambju ta' ideat", li "jeħtieġ b'mod urġenti dibattitu demokratiku dwar l-użu u l-l-isfruttament tad-data għall-kampanji politiċi u t-teħid ta' deċiżjonijiet". ([6])

Din il-kwistjoni tal-użu tal-informazzjoni u d-data personali biex jiġu mmanipulati n-nies u l-politika naturalment tmur ferm lil hinn mid-dritt għall-protezzjoni tad-data. Ambjent onlajn ippersonalizzat u mmirat fuq livell mikro joħloq "filter-bubbles" fejn in-nies huma esposti għal "aktar mill-istess" informazzjoni u jiltaqgħu ma' inqas opinjonijiet, li jirriżultaw f'polarizzazzjoni politika u ideoloġika ikbar ([7]). Dan iżid il-pervażività u l-persważività ta' stejjer foloz u konspirazzjonijiet ([8]). Ir-riċerka tissuġġerixxi li l-manipulazzjoni tan-newsfeed jew tar-riżultati tat-tiftix tan-nies tista' tinfluwenza l-imġiba tal-vot tagħhom ([9]).

It-tħassib tal-KEPD huwa li jgħin jiżgura l-ipproċessar tad-data personali, fi kliem il-GDPR, iservi lill-umanità, u mhux bil-maqlub ([10]). Il-progress teknoloġiku jenħtieġ li ma jiġix imfixkel iżda minflok jitmexxa skont il-valuri tagħna.

([1]) Https://ico.org.uk/media/for-organisations/documents/1589/promotion_of_a_political_party.pdf Uffiċju tal-Kummissarju tal-Informazzjoni "Gwida dwar il-kampanji politiċi" [20170426].

([2]) Skont l-Artikolu 57(1)(d) tal-GDPR, kull awtorità superviżorja għandha [...] tippromwovi l-għarfien tal-kontrolluri u l-proċessuri tal-obbligi tagħhom fit-territorju tagħha skont dan ir-Regolament.

([3]) Ara t-Tmexxija bl-Eżempju: L-Istrateġija tal-KEPD 2015-2019, p. 17. "Big data," fil-fehma tagħna "tirreferi għall-prattika ta' kif jingħaqdu volumi kbar ta' informazzjoni miksuba minn sorsi differenti u kif dawn jiġu analizzati, ħafna drabi permezz ta' algorittmi li jitgħallmu b'mod awtonomu biex jinfurmaw id-deċiżjonijiet. Wieħed mill-ikbar valuri tal-big data għan-negozji u l-gvernijiet huwa derivat mill-monitoraġġ tal-imġiba tal-bniedem, kollettivament u individwalment, u jirrisjedi fil-potenzjal ta' previżjoni tagħha; Opinjoni tal-KEPD 4/2015, Lejn etika diġitali ġdida: Data, dinjità u teknoloġija, 11.9.2015, p. 6.

([4]) Profili użati biex ibassru jekk l-imġiba tan-nies tinsabx f'riskju ta' stigmatizzazzjoni, biex issaħħu sterjotipi eżistenti, segregazzjoni u esklużjoni soċjali u kulturali, bit-tali "intelliġenza kollettiva" li taqleb ta' taħt fuq l-għażla tal-individwu u l-opportunitajiet ugwali. "Filter bubbles" jew "echo-chambers personali" bħal dawn jistgħu jispiċċaw joħonqu proprju l-kreattività, l-innovazzjoni u l-libertajiet tal-espressjoni u l-assoċjazzjoni stess li ppermettew lit-teknoloġiji diġitali jiffjorixxu; Opinjoni tal-KEPD 4/2015, p. 13 (ir-referenzi tħallew barra).

([5]) Opinjoni tal-KEPD 7/2015 Nilħqu l-isfidi tal-big data, p. 9.

([6]) Rapport tal-Grupp Konsultattiv dwar l-Etika tal-KEPD, Jannar 2018, p. 28.

([7]) Ara pereżempju The Economist, How the World Was Trolled (Novembru 4-10, 2017), Vol. 425, Nru 9065, pp. 21-24.

([8]) Allcott H. u Gentzkow M., Social Media and Fake News in the 2016 Election (Spring 2017). Università ta' Stanford, Journal of Economic Perspectives, Vol. 31, Nru. 2, p. 211-236. https://web.stanford.edu/~gentzkow/research/fakenews.pdf, p. 219.

([9]) F'wieħed mill-esperimenti, l-utenti tal-pjattaforma soċjali ġew infurmati dwar kif ħbiebhom qalu li vvotaw, li wassal għal żieda statistikament sinifikanti ta' segment tal-popolazzjoni (0,14 % tal-popolazzjoni fl-età tal-vot jew madwar 340 000 votant) biex jivvota fl-elezzjonijiet tal-kungress ta' nofs it-terminu fl-2010; Allcott H. and Gentzkow M., Social Media and Fake News in the 2016 Election (Spring 2017), Stanford University, Journal of Economic Perspectives, Vol. 31, Nru 2, pp. 211-236., p. 219). Fi studju ieħor, ir-riċerkaturi ddikjaraw li d-differenzi fir-riżultati tat-tfittxija ta' Google setgħu jbiddlu l-preferenzi tal-vot ta' votanti mhux deċiżi b'20 %; Zuiderveen Borgesius, F. & Trilling, D. & Möller, J. & Bodó, B. & de Vreese, C. & Helberger, N. (2016). Should we worry about filter bubbles?. Internet Policy Review, 5(1). DOI: 10.14763/2016.1.401, p. 9.

([10]) Premessa 4 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE, minn hawn 'il quddiem "GDPR".

Ir-rispett għad-drittijiet fundamentali, inkluż id-dritt għall-protezzjoni tad-data, huwa kruċjali biex tiġi żgurata l-ġustizzja tal-elezzjonijiet, b'mod partikolari hekk kif qed nersqu lejn l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2019 ([1]). Din l-Opinjoni hija l-aħħar waħda minn serje ta' impenji wiesgħa mill-KEPD rigward il-kwistjoni dwar kif il-protezzjoni tad-data jenħtieġ li tiġi applikata biex tindirizza l-aktar tħassib urġenti dwar il-politika pubblika. Hija tibni fuq il-ħidma preċedenti tal-KEPD dwar il-Big Data u l-etika diġitali u l-ħtieġa li tiġi kkoordinata r-regolamentazzjoni ta' swieq kompetittivi u ġusti ([2]). L-Opinjoni l-ewwel tagħti sommarju tal-proċess li bih id-data personali tforni u tiddetermina ċ-ċiklu prevalenti tal-intraċċar diġitali, l-immirar fuq livell mikro u l-manipulazzjoni. Imbagħad se tikkunsidra r-rwoli tad-diversi atturi fl-ekosistema tal-informazzjoni diġitali. Se tikkunsidra d-drittijiet fundamentali involuti, il-prinċipji rilevanti tal-protezzjoni tad-data u obbligi legali rilevanti oħra. Se tikkonkludi billi tirrakkomanda li l-problema tal-manipulazzjoni onlajn x'aktarx se tmur għall-agħar, li l-ebda approċċ regolatorju waħdieni ma jkun biżżejjed waħdu, u li għalhekk ir-regolaturi għandhom jikkollaboraw b'mod urġenti biex jindirizzaw mhux biss abbużi lokalizzati iżda wkoll id-distorsjonijiet strutturali kkawżati minn konċentrazzjoni eċċessiva tas-suq.

## 7. KONKLUŻJONI

Il-manipulazzjoni onlajn toħloq theddida għas-soċjetà minħabba li l-filter bubbles u l-komunitajiet ikkontrollati jagħmluha aktar diffiċli għan-nies biex jifhmu lil xulxin u jikkondividu l-esperjenzi. Id-dgħjufija ta' din il-"kolla soċjali" tista' ddgħajjef id-demokrazija kif ukoll bosta drittijiet u libertajiet fundamentali oħra. Il-manipulazzjoni onlajn hija wkoll sintomu tal-opaċità u n-nuqqas ta' akkontabilità fl-ekosistema diġitali. Il-problema hija reali u urġenti, u x'aktarx se tmur għall-agħar hekk kif aktar nies u affarijiet jingħaqdu mal-Internet u r-rwol tas-sistemi tal-Intelliġenza Artifiċjali jiżdied. Fl-għeruq tal-problema hemm parzjalment l-użu irresponsabbli, illegali jew mhux etiku tal-informazzjoni personali. Hija meħtieġa trasparenza, iżda din mhijiex biżżejjed. Il-ġestjoni tal-kontenut tista' tkun meħtieġa iżda ma tistax titħalla tikkomprometti d-drittijiet fundamentali. Għalhekk, parti mis-soluzzjoni, hija li jiġu infurzati r-regoli eżistenti speċjalment il-GDPR b'rigorożità u flimkien ma' normi oħra għall-elezzjonijiet u l-pluraliżmu tal-midja.

Bħala kontribut biex jitmexxa 'l quddiem id-dibattitu, fir-rebbiegħa 2019, il-KEPD se jorganizza workshop fejn ir-regolaturi nazzjonali fil-qasam tal-protezzjoni tad-data, il-liġi elettorali u awdjoviżiva jkunu jistgħu jesploraw aktar dawn l-interazzjonijiet, jiddiskutu l-l-isfidi li qed jiffaċċjaw u jikkunsidraw opportunitajiet għal azzjonijiet konġunti, filwaqt li jitqiesu wkoll l-elezzjonijiet li ġejjin tal-Parlament Ewropew.

Din l-Opinjoni argumentat li t-teknoloġija u l-imġiba fis-suq qed jikkawżaw ħsara minħabba żbilanċi strutturali u distorsjonijiet. Sejjaħna għall-aġġustament tal-inċentivi għall-innovazzjoni. Il-ġganti u l-pijunieri teknoloġiċi bbenefikaw sa issa milli joperaw f'ambjent relattivament mhux irregolat. L-industriji tradizzjonali u l-kunċetti bażiċi tal-ġurisdizzjoni territorjali, is-sovranità kif ukoll in-normi soċjali inkluża d-demokrazija huma affettwati. Dawn il-valuri jiddependu fuq pluralità ta' vuċijiet, u ekwilibriju bejn il-partijiet. Ebda attur jew settur waħdieni ma jista' jindirizza dan waħdu. Il-protezzjoni tad-data hija parti mis-soluzzjoni u forsi parti akbar milli mistenni. Mhuwiex biżżejjed li wieħed joqgħod fuq ir-rieda tajba tal-atturi kummerċjali li finalment ma jkunux responsabbli. Għandna bżonn li nintervjenu issa fl-interess tat-tixrid aktar ġust tal-benefiċċji tad-diġitalizzazzjoni.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Marzu 2018.

Giovanni BUTTARELLI

*Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data

---

([1]) Kif iddikjarat mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawża ta' Orlovskaya Iskra vs Ir-Russja, "Elezzjonijiet ħielsa u libertà tal-espressjoni, b'mod partikolari l-libertà ta' dibattitu politiku, flimkien jiffurmaw is-sisien ta' kwalunkwe sistema demokratika. Iż-żewġ drittijiet huma relatati ma' xulxin u joperaw biex isaħħu lil xulxin: pereżempju, il-libertà tal-espressjoni hija waħda mill-'kundizzjonijiet' meħtieġa biex 'tiġi żgurata l-espressjoni ħielsa tal-opinjoni tal-poplu fl-għażla tal-leġiżlatura'. Għal din ir-raġuni, huwa partikolarment importanti li fil-perjodu ta' qabel l-elezzjoni tkun permessa ċ-ċirkolazzjoni libera ta' opinjonijiet u informazzjoni ta' kull tip. Fil-kuntest tad-dibattiti elettorali, l-eżerċizzju mingħajr tfixkil tal-libertà tal-kelma mill-kandidati għandu sinifikat partikolari" (ir-referenzi tħallew barra t-test), para 110. http://hudoc.echr.coe.int/eng?i=001-171525

([2]) 2014 - Opinjoni Preliminari dwar "Il-Privatezza u l-Kompetittività fl-Era tal-Big Data"; 2015 - Opinjoni 4/2015 Lejn etika diġitali ġdida. Data, dinjità u teknoloġija; 2015 - Opinjoni 7/2015 Nilqgħu l-isfidi tal-big data. Sejħa għat-trasparenza, il-kontroll tal-utent, il-protezzjoni tad-data permezz tad-disinn u l-akkontabilità; 2016 - Opinjoni 8/2016 Opinjoni tal-KEPD dwar l-infurzar koerenti tad-drittijiet fundamentali fiż-żmien tal-big data.